MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1284/2007

**Salv Bezzina & Sons Limited (C-C350).**

**vs**

**Paul Borg ID 363226 M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-ritrattand Paul Borg ID 363226M datat 7 ta' Dicembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fl-14 ta' Mejju 2007 is-socjeta` ritrattata wara li ppremettiet illi permezz ta' kuntratt notarili tas-6 ta' Marzu 1972 ippubblikat minn Nutar Joseph Spiteri s-socjeta` rikorrenti xtrat u akkwistat minghand Alfred u Carmelo Calleja zewg terzi ndivizi tas-subdirett dominju annwu u perpetwu ta' Lm465.4s ekwivalenti ghalhekk ghal Lm310.2s.4d, illum is-somma

ta’ Lm310.11 imposti fuq u gravanti l-ghalqa fil-limiti ta’ San Giljan, fil-kontrada ta’ Misrah Giuma *sive* Sant’ Andru, *sive* ta’ Zanu: illi l-intimat flimkien ma’ ohrajn u cioe` ma’ Generoso Abela u Salvatore Spiteri *in solidum* kienu akkwistaw is-subkoncessjoni enfitewtika tal-imsemmija ghalqa u ghalhekk ghandhom l-obbligu jew minnhom ghall-pagament tal-imsemmi cens: illi fil-fatt hadd mis-subkoncessjonarji ma hallas ic-cens dovut lis-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ Lm310.11 kull sena sa mill-1 ta’ Awwissu 1977 u ghalhekk l-intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma kumplessiva ta’ Lm9,303.30 li ghalkemm l-intimat gie interpellat sabiex ihallas baqa’ inadempjenti u anzi jallega li m’ghandux ihallas ghajr ghal hames snin ghax l-ammont precedenti ghal dak, avolja jaf li mhux imhallsa, mhux dovuti ghax huma preskritti; illi tali eccezzjoni mhiex sostenibbli jekk l-intimat ma jiehux il-gurament fit-termini tal-**artikolu 2160 (1) tal-Kodici Civili**; illi ghalhekk dan l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u l-intimat ma ghandux eccezjonijiet x’ jaghti; talbet ghalhekk li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddeciedi l-kawza *ai termini* tal-**artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili** u cioe` bid-dispensa tas-smigh u tikkundannah ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ Lm9,303.30 skont kif fuq spjegat - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi, bl-imghax legali minn kull skadenza sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi tal-ittri ufficjali hemm imsemmija fir-rikors kontra l-intimat li minn issa jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Illi b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta’ Ottubru 2007 laqghet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fil-kontumacja tal-intimat u kkundannat lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ Lm9,303.30 bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-intimat.

Illi sussegwentement wara li nghatat is-sentenza u saret *res gudikata* l-intimat ircieva korrispondenza legali minghand is-socjeta` rikorrenti li biha gie interpellat biex ihallas is-somma li gie kkundannat ihallas skont is-sentenza precitata u b’hekk sar jaf bis-sentenza ritrattata

u dan *stante* li huwa qatt ma gie nnotiflkat bir-rikors originali kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Illi ghaldaqstant jezisti lok ghal ritrattazzjoni taht l-**artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-kawza fl-ismijiet **'Salv Bezzina & Sons Limited (C-C350) vs Paul Borg'** (Rikors. Nru.520/07CFS ) deciza fis-17 ta' Ottubru 2007 ittiehdet bla ma gie notifikat ir-ritrattand Paul Borg u dan *a tenur* tal-**artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Thassar is-sentenza moghtija tas-17 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **'Salv Bezzina & Sons Limited (C-C350) vs Paul Borg'** (Rikors. Nru.520/07CFS) ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

3. Tordna li ssir ir-ritrattazzjoni tal-istess kawza skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ritrattata u li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti anness esebiti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta' Jannar 2008.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Salv. Bezzina & Sons Ltd. datata 24 ta' Jannar 2008 a fol. 13 tal-process fejn Oscar Delia bil-guramentat tieghu eccepixxa:-

Illi t-talbiet ta' Paul Borg ghar-revoka u t-thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru 2007, rikors numru 520/07/CFS u ghar-ritrattazzjoni tal-istess huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu *stante* illi:-

1. Illi fl-ewwel lok il-kawza hija nulla u dan *stante* illi gialadarba illi l-kawza odjerna giet intavolata minn Paul Borg, l-okkju kellu jkun fl-ismijiet inversi.

*2.* Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-kawza odjerna hija nulla *stante* l-garanti offert mill-attur mhiex idoneja skont kif titlob l-**artikolu 249 (2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jissussistux ir-ragunijiet legali u fondamenti guridici li jaghtu lok ghal ritrattazzjoni, u dan *stante* illi mhux minnu illi s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Salv Bezzina & Sons Limited (C-C350) vs Paul Borg, rikors numru 520/07/CFS fis-17 ta' Ottubru 2007 ittiehdet bla ma gie notifikat ir-ritrattand Paul Borg. Paul Borg gie notifikat bis-sistema tal-affissjoni skont kif titlob il-ligi, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fid-9 ta' April 2008 fejn Dr. Joe Schembri irtira l-ewwel eccezzjoni. Il-kawza giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhum dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata f'din il-kawza okkorrendo ghat-trattazzjoni; u tal-5 ta' Marzu 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Stefan Camilleri ghall-intimati Salv Bezzina & Sons Ltd. Paul Borg u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tar-ritrattand datat 5 ta' Mejju 2009 a fol. 22 tal-process fejn talab ir-riappuntament tal-kawza u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghas-7 ta' Ottubru 2009 u nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Michael Camilleri sabiex fil-mori jiffissa s-seduti ghall-konkluzjoni provi tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seudta tal-24 ta' Gunju 2010 fejn Dr. Gavin Gulia talab allegazzjoni tal-process li mieghu hi

konnessa din il-kawza, Rikors Numru 520/07 CHS deciza fis-17 ta’ Ottubru 2007. Dr. Joseph Schembri rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni. Inghata digriet affidavit ta’ tletin (30) gurnata tar-rikorrenti. Il-kawza giet differita sabiex jinstema’ l-Marixxall koncernat li ghamel l-affissjoni ghat-12 ta’ Ottubru 2010; u tas-17 ta’ Marzu 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Gavin Gulia ghar-ritrattand Paul Borg li rrileva li l-garanzija kienet saret kif jirrizulta minn kopja ta’ cedola ta’ depositu datata 4 ta’ Gunju 2010, li qed tigi esebita bhala Dok “GG 1”. Is-socjeta` ritrattata u d-difensuri taghha Dr. Joseph Schembri u Dr. Stefan Camilleri msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru Dr. Joseph Schembri u Dr. Stefan Camilleri ghas-socjeta` ritrattata li ddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-14 ta’ Gunju 2011.

Rat l-atti tal-kawza allegata ma’ din il-kawza fl-ismijiet premessi Rikors Numru 520/07 CHS deciza fis-17 ta’ Ottubru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi s-sentenza odjerna hija limitata ghall-ewwel talba attrici fejn l-atturi a bazi ta’ l-**artikoli 811 (b) u 812 tal-Kap 12** qed jitolbu li tigi revokata s-sentenza tas-17 ta’ Ottubru 2007 fl-ismijiet **“Salv Bezzina & Sons Limited (C-C350) vs Paul Borg”** (Rikors Nru. 520/07/CFS).

Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza li hawn qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha li s-socjeta’ attrici ppruvat tinnotifika

lill-konvenut fir-residenza tieghu 42, Le Nid, Triq il-Hawt, Swieqi izda kien hemm riferta negattiva ghax “ma fetah hadd” (ara a tergo ta’ fol. 18 tal-process hawn allegat) u saret talba sabiex tali notifika ssir bl-affissjoni u pubblikazzjoni u jidher li l-affissjoni saret fir-residenza tal-konvenut fuq indikata, fl-Ghassa tal-Pulizija u wkoll fil-Kunsill Lokali Swieqi kif jidher mir-riferti datati 11 ta’ Lulju 2007 (fol. 23 tal-istess process) u saret ukoll il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta’ Lulju 2007 (fol. 24) u fil-Gazzetta lokali The Times tat-28 ta’ Awissu 2007 (fol. 28) u fis-17 ta’ Ottubru 2007 inghatat is-sentenza hawn impunjata.

Illi jirrizulta li r-ritrattand jabita fil-post hawn indikat izda qed jghid li huwa qatt ma gie notifikat bl-istess att, tant li ma rceviex l-atti ta’ dik il-kawza, u ghalhekk qed jitlob ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (b) tal-Kap. 12** minhabba allegat nuqqas ta’ notifika.

Illi din il-Qorti rat ix-xhieda tal-imsemmi Paul Borg datata 24 ta’ Gunju 2004 fejn ikkonferma li huwa u martu ghandhom ir-residenza taghhom proprio fil-post fuq imsemmi 42, Le Nid, Triq il-Hawt, Swieqi, li sabiex tidhol ghaliha hemm grada u passagg, u mbaghad il-bieb ta’ barra, u jghid li qatt ma ra l-ebda avviz jew estratt tal-atti ta’ dik il-kawza imwahhal mar-residenza tieghu. L-istess tghid martu b’affidavit datat 22 ta’ Settembru 2010, izda tali xhieda hija kontradetta minn dik tal-Marixxal Raymond Pace moghtija fit-12 ta’ Ottubru 2010 fejn l-istess ufficjal tal-Qorti xehed b’mod enfatiku li huwa kien jaf sew liema kienet id-dar u r-residenza tar-ritrattand, tant li ddeskriva u ftakar l-istat ta’ l-istess, u xehed b’konvinzjoni li l-affissjoni saret mal-grada tal-istess residenza u dan billi wahhal l-inkartament 42, Le Nid, Triq il-Hawt, Swieqi, u dan anke peress li ma kienitx l-ewwel darba li mar biex jaghmel notifika fl-istess fond, u dan kif hareg car mill-istess disposizzjoni li din il-Qorti semghet *viva voce.*

Illi minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li r-rittrattand qed effettivament jallega li l-affissjoni ma saritx sew ghaliex ma saritx mar-residenza tieghu, izda dan jinsab kontradett bl-iktar mod skjett mix-xhieda tal-Marixxal Raymond Pace,

li jirrizulta li kien kategoriku fix-xhieda tieghu u fuq kollox kien cert li ghamel l-istess affissjoni mad-dar in kwistjoni u kien ghalhekk li hareg ir-riferta posittiva datata 11 ta' Lulju 2007 fil-process hawn ritrattat, u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-istat ta' provi juru li l-affissjoni saret sew anke mar-residenza tal-ritrattand skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.**

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda bazi sabiex jinghad li r-rikors guramentat ma giex notifikat lill-parti telliefa, u dan peress li jirrizulta li n-notifika saret skond il-ligi bil-procedura tal- affissjoni u pubblikazzjoni, u ghalhekk it-talbiet tar-ritrattand Paul Borg qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta guramentata tas-socjeta' ritrattata datata 24 ta' Jannar 2008 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-ritrattand Paul Borg fir-rikors tieghu ta' ritrattazzjoni datat 7 ta' Dicembru 2007** peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattand Paul Borg.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------